TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/295/12/S

Shawn Camilleri
Vs
Klikk Computers Limited

Illum 21 ta' Marzu, 2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Shawn Camilleri pprezentata fit-23 ta' Novembru, 2012 u r-risposta tas-socjeta Klikk Computer Limited ipprezentata fit-12 ta' Dicembru, 2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-8 ta' Frar, 2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment dwar 'laptop' li skont ir-rikorrent, ma kienx bl-ispecifikazzjonijiet mitluba minnu;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta' Jannar, 1999);

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-ispecifikazzjonijiet ma kinux dawk mitluba mir-rikorrent u skont is-socjeta intimata, dan sehh bi zball;

Illi t-Tribunal jirrileva li r-rikorrent seta' gie trattat ahjar u b'iktar heffa meta l-izball kien tas-socjeta intimata *ex admissis*;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li la jkun hemm iktar minn possibilita wahda, il-konsumatur ghandu jigi mistoqsi liema opzjoni jippreferi u jinghata c-cans tal-ghazla;

Illi fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent hi wahda gusta u ghandha tintlaqa' fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' it-talba ta' Shawn Camilleri u filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Klikk Computers Limited, Jordna lis-socjeta Klikk Computers Limited thallas lil Shawn Camilleri is-somma ta' €1825.02 prezz tal-imsemmi 'laptop' li ghandu jigi ritornat mir-rikorrent lis-socjeta intimata, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru